Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,358, 19 ta' Novembru, 1990
Taqsima B

A.L. 195 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (Bl-Unuri)

BIS-SAĦĦA tas-segħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti tal-BA(Hons) li jgħoddu biss għall kors li beda fl-1989.

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (Bl-Unuri) (Igħoddu biss għall-Kors li beda fl-1989)

1.0 **Kwalifiki għad-Dħul**

1.1 Kandidat normalment ma jitħalliex jidħol għal kors ta' studji għall-grad ta' Baċċillier ta' l-Arti (bl-Unuri) (B.A. bl-Unuri) jekk ma jkunx tqiegħed fil-kategorija I jew II tal-grad tal-B.A. jew grad ekwivalenti magħruf għal dan il-għan mill-Bord tal-Fakultà, u jekk fi ħdan il-Grad kompjut imsemmi ma jkunx temm b'suċċess għallinqas għoxrin unità ta' studju marbutin mill-qrib mal-qasam magħżul ta' l-istudji.

Dawn l-unitajiet ta' studju jiġu kkunsidrati biss jekk ikunu sawru parti integrali mill-eżami formali ta' dak il-Grad.

1.2 Meta japplika lill-Bord tal-Fakultà, kandidat irid jippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-grad tal-B.A., traskrizzjoni uffiċjali taċ-ċertifikati tal-kredti kollha miksuba, u kull xhieda jew tagħrif ieħor li l-Bord tal-Fakultà jista' jeħtieġ.

2.0 **Dħul għall-Kors ta' l-Istudji**

2.1 Kandidat bil-B.A. tal-Fakultà ta' l-Arti ta' din l-Università, li jixtieq jistudja għall-grad ta' B.A. (bl-Unuri) jista' japplika lill-Bord tal-Fakultà biex jidħol f'kors ta' studji li jwasslu għall-grad ta' B.A. (bl-Unuri), u jindika l-qasam speċifiku ta' l-istudji li għandu jkun segwit. Kandidat normalment ikun mistenni li jkun tqiegħed fil-kategorija I jew II tal-B.A. u li jgħaddi għall-kors bl-Unuri minnufih wara li jkun ikkwalifika għal dak il-grad.

2.2 Kandidat bi kwalifika ta' din l-Università jew ta' università jew istituzzjoni oħra magħrufa għal dan il-għan mis-Senat, li tista' titqabbel mal-B.A. ta' din l-Università jista' jidħol f'kors ta' studji b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jista' jiddetermina f'kull każ.

3.0 **Il-Kors ta' l-Istudji**

3.1 Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-B.A. (bl-Unuri) jinfirex fuq sena akkademika waħda. Kandidat ma jistax jagħmel l-eżami finali qabel sena akkademika waħda jew aktar tard minn sentejn akkademiċi mill-ewwel darba li jkun daħal għall-kors ta' l-istudji, ħleif bil-permess tas-Senat.

3.1.1 Il-kors ta' l-istudji jkun magħmul minn għadd ta' unitajiet ta' studju li għalihom jingħataw mhux inqas minn għoxrin u mhux aktar minn erbgħa u għoxrin kredtu.

3.2 Katalgu ta' l-unitajiet ta' studju għal kull qasam ta' studju u tal-kredti mogħtija lil kull unità jkun sottomess mill-Bord tal-Fakultà lis-Senat għall-approvazzjoni tiegħu.

3.3 L-unitajiet ta' studju jkunu f'dawn l-oqsma ta' studju: l-Għarbi, il-Klassiċi, l-Istudji tal-Kommunikazzjoni, Studji Mediterranji Kontemporanji, l-Ekonomija, l-Ingliż, il-Franċiż, l-Istorja, it-Taljan, il-Lingwistika, il-Malti, il-Filosofija, il-Psikoloġija, l-Istudji Soċjali, u kull qasam ieħor, mhux bilfors minn ħdan il-Fakultà ta' l-Arti, approvat mis-Senat.

3.3.1 Fid-diskrezzjoni tad-Dipartiment ikkonċernat, l-għadd meħtieġ ta' unitajiet ta' studju jista' jinkludi dissertazzjoni ekwivalenti għal ħames unitajiet ta' studju.

3.4 Ċertifikat ta' kredtu jinħareġ lil kandidat meta jtemm b'suċċess unità ta' studju. Iċ-ċertifikat juri wkoll grad li jindika l-livell miksub mill-kandidat fix-xogħol magħmul matul l-unità ta' studju u f'test jew *asssignment* magħmul fit-tmiem tagħha. Il-metodu ta' l-assessar isir bid-diskrezzjoni ta' kull Dipartiment. Ebda kredtu ma jingħata għal unità ta' studju li m'hix mitmuma.

3.5 Minkejja r-Regolament 3.1, kandidat jista' jitħalla jirreġistra bħala student *part-time* bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà. Huwa jrid jagħmel l-Eżami Finali mhux qabel sentejn akkademiċi u mhux aktar tard minn erbgħa minn meta jkun daħal għall-ewwel darba fil-kors ta' l-istudji, ħlief bil-permess tas-Senat, u bil-modifikazzjoni meqjusa tal-klawsoli relevanti.

4.0 **L-Eżamijiet Finali**

4.1 Kandidat irid jagħmel l-Eżamijiet Finali fit-tmiem tal-kors ta' l-istudji wara li jkun temm b'suċċess għallinqas għoxrin unità ta' studju fiż-żmien stipulat.

4.2 Il-valutazzjoni globali ta' kandidat għall-grad ta' B.A. (bl-Unuri) tqis ix-xogħol tiegħu fl-Eżamijiet Finali, kif ukoll il-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudji. Il-kandidat ma jingħatax il-grad jekk ma jgħaddix mill-Eżamijiet Finali.

4.2.1 Fl-Eżamijiet Finali jingħataw erba' karti fil-qasam ta' l-istudju. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce*.

4.2.2 F'kull sena jkun hemm biss sessjoni waħda ta' l-Eżamijiet Finali, normalment f'Mejju-Ġunju.

4.2.3 L-Eżamijiet Finali ikollhom piż ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-valutazzjoni globali.

4.3 L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw biex jingħataw l-grad ta' B.A. (bl-Unuri) ikunu ppubblikati fl-ordni alfabetiku f'lista maqsuma fil-klassijiet I, II Superjuri, II Inferjuri u III, skond ix-xogħol tagħhom fl-Eżamijiet Finali, kif ukoll il-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudji.

4.4 Kandidat li jeħel fl-Eżamijiet Finali jista' jitħalla jerġa jagħmel l-Eżamijiet Finali darba, fis-sena ta' wara. F'dawn il-każijiet il-kandidat jista' jingħata biss il-grad li għadda.

5.0 **Eliġibbiltà għall-Għoti tal-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (bl-Unuri)**

5.1 Biex ikun jista' jingħata l-grad ta' B.A. (bl-Unuri) kandidat irid:

(1) ikun kiseb il-grad ta' B.A. tal-Fakultà ta' l-Arti ta' din l-Universtià, jew ekwivalenti, f'livell meqjus bħala suffiċjenti mill-Bord tal-Fakultà (ara para. 1.1 hawn fuq), jew ikun ġie eżentat minn dan;

(2) ikun temm il-kors proprju ta' l-istudji;

(3) ikun għadda fl-eżamijiet relevanti;

(4) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha msemmija f'dawn ir-Regolamenti.

6.0 **Applikazzjoni**

6.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu biss għal kors li beda fl-1989.